MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru. 993/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**vs**
**Mark Mallia**
**Godwin Schembri**

Il-Qorti;
Rat li l-imputati Mark Mallia ta’ 37 sena, iben Emanuel u Mary nee’ Pawney, imwieled Pieta fl-20 ta’ April 1965, u li joqghod f’No. 2, Victoria Flats, Parish Street, Naxxar, karta tal-identita Nru. 347065(M) u l-imputat Godwin Schembri ta’ 54 sena, iben il-mejjet John Victor u l-mejta Carmela nee’ Galea, imwieled il-Marsa fit-23 ta’ Marzu 1948, u li joqghod f’No. 10, St Mary’s Hse, Patri Mariano Vella Street, Iklin, karta tal-identita Nru. 329848(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fil-5 ta’ Gunju, 2002, u f’dati precedenti, f’dawn il-Gzejjer, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh

jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija, jew xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghal bejgh jew importaw ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ madwar 15 l-arlogg tal-marka Seiko foloz. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irripproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu, xi artikoli jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetta bil / jew taht il-Ligi ta’ Malta. Dan bi ksur tal-artikolu 298 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Novembru, 2002 (esebit *a folio* 67 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru, 2008 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghat il-provi;

Rat ir-Rapport tal-espert tekniku minnha nominat.

Rat li la l-Prosekuzzjoni u l-anqas id-Difiza ma’ pprezentaw in-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghhom entro t-terminu lilhom prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-30 ta’ Mejju 2002 il-Pulizija rceviet rapport[1] minghand Angelo Chetcuti[2] ghas-socjeta’ John G. Cassar Limited li huma l-agenti esklussivi tal-arloggi tad-ditta Seiko fejn dan informa lil Pulizija li waqt trasmissjoni ta’ teleshopping fuq Smash Television kienu qed jigu offruti ghall-bejgh arloggi tad-ditta Seiko ghall-prezz ta’ Lm15 u meta l-kumpanija xtara wiehed minn dawn l-arloggi u gie ezaminat minn espert irrizulta li dan l-arlogg kien counterfeit. Meta l-Pulizija raw il-video tal-programm relattivi irrizultalhom li l-persuna li kien qed ibiegh dawn l-arloggi kien l-imputat Mark Mallia u t-trasmissjoni u l-bejgh relattiv kienu qed isiru mill-ufficcju tieghu fi Vjal 21 ta’ Settembru, Naxxar. Meta l-Pulizija accedew f’dan il-post u ghamlu tfittxija fl-imsemmi post l-imputat Mark Mallia ghaddilhom erbatax (14) il-arlogg li l-Pulizija setghu skond l-indikazzjonijiet moghtijia lilhom minn John G. Cassar jiddeterminaw li kienu foloz. L-imputat Mark Mallia qalilhom li dawn l-arloggi kien xtrahom minghand l-imputat l-iehor Godwin Schembri. Jumejn wara li saret it-tfittxija, l-imputat Mark Mallia ghadda zewg (2) arloggi ohra tal-marka Seiko li huwa qalilhom li kienu gew ritornati lura lilu minghand min xtrahom minghandu. Dawn is-sittax (16) il-arlogg gew esebiti f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ Frar 2009 u huma mmarkati bhala Dok. IA3.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Mark Mallia rrilaxxja stqarrija[3] fejn huwa qal li meta xtara l-arloggi minghand Godwin Schembri huwa ma’ kienx jaf li huma foloz. Huwa kien qal li kien staqsa lil Schembri jekk kollox kienx sew fuq dawn l-arloggi u dan kien irrisponda fl-affermattiv. Huwa qal li ma ssuspetta xejn hazin li dawn l-arloggi kienu qed jinbieghu ghal prezz ferm anqas mill-prezz tal-arloggi Seiko li kienu jinxtraw minghand l-agent u spjega li huwa kien jinnegozja fil-prodotti li jigu mportati permezz ta’ parallel trading. Huwa qal ukoll li wara li kien biegh dawn l-arloggi fuq it-

---

[1] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Ian Abdilla a fol. 50 sa 53 tal-atti processwali.

[2] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ Frar 2009.

[3] Inserita a fol. 54 u 55 tal-atti processwali.

television kien avvicinah klijent u qallu li l-arlogg li kien xtara ma kienx originali u wara din l-okkazzjoni huwa ma baqghax ibiegh l-arloggi bhal tad-ditta Seiko izda biss bhala arloggi mal-arloggi l-ohrajn li kien ibiegh. L-imputat Mark Mallia ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-2 ta' Gunju 2011 fejn huwa kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija.

L-imputat Godwin Schembri wkoll irrilaxxja stqarrija[4] fejn huwa kkonferma li kien biegh dawn l-arloggi lil Mark Mallia u qal li kien xtara l-istess arloggi minghand Gharbi bl-isem ta' Mohammed Ben Musa li kien sar jafu Dubai u li mbaghad ikkomunika mieghu meta gie hawn Malta u qallu sabiex isellfu xi flus. L-imputat Schembri qal li huwa kien selfu Lm250 u xi jiem wara kien rega' ltaqa' mieghu u ghaddhielu dawn l-arloggi li qallu li kienu jinbieghu ghall-prezz ta' Lm14 u talbu jselfu aktar flus. Schembri qal li ha l-arloggi li mbaghad bieghom lil Mallia izda ma sellifx aktar flus lil din il-persuna.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil John Richards mill-Industrial Property Registration Directorate[5] fejn huwa esebixxa sitt (6) trade mark registration certificates, tlieta (3) lokali u tlieta (3) rilaxxjati mill-European Community Trade Mark Office, minn fejn jirrizulta li t-trade mark Seiko hija registrata kemm lokalment kif ukoll bhala Community Trade Mark f'isem Seiko Holdings tal-Japan ghal diversi oggetti, fosthom arloggi.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-espert tekniku Maurice Agius[6] kif ukoll mix-xhieda tal-istess Maurice Agius li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Marzu 2010 jirrizulta li s-sittax (16) il-arlogg li gew konfiskati minghand l-imputat

[4] Inserita a fol. 56 u 57 tal-atti processwali.
[5] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 84 u 85 tal-atti processwali.
[6] Rapport relattiv inserit a fol. 104 u 105 tal-atti processwali.

Mark Mallia u li huma mmarkati bhala Dok. IA3 huma lkoll counterfeit.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputati qed jigu addebitati b'zewg reati separati u distinti u cioe' bir-reat ta' qerq fil-kummerc kontemplat fl-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali u bir-reat ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur (copyright infringement) kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali. Jibda sabiex jinghad li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li r-reat ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur kontemplat fl-Artikolu 298B fil-fatt ma jissussistix ghaliex id-drittijiet li gew lezi huma dawk konnessi ma trademarks mhux ma copyright. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li seta' kien hemm xi ksur tad-drittijiet tal-awtur u ghalhekk l-imputati sejrin jigu dikjarati mhux hatja tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi jibqa' ghalhekk li jigi kkunsidrat r-reat ta' qerq fil-kummerc kontemplat fl-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz tal-Artikolu 298 il-ligi qed tipprotegi lill-konsumatur milli jigi mqarraq minn persuna li tapplika jew altrimenti tispaccja jew tbiegh minghajr il-kunsens tas-sid prodotti b'marki, sinjali distintivi u emblemi li jkollu jedd fuqhom haddiehor. Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li t-trade mark Seiko hija debitament registrata f'isem is-socjeta' Seiko Holdings liema socjeta' ghalhekk ghandha l-uzu esklussiv tal-imsemmi markju ad eskluzjoni ta' haddiehor, irnexxilha tipprova wkoll li l-arloggi mmarkati bhala Dok. IA3 li kellhom il-markju Seiko u li kienu qed jigu spaccjati fuq is-suq lokali bhala prodotti originali Seiko kemm mill-imputat Mark Mallia kif ukoll l-imputat Godwin Schembri  u dan minghajr il-kunsens tas-sid tal-markju Seiko. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova wkoll li dawn il-prodotti spaccjati mill-imputati m'humiex prodotti originali Seiko skond ma jirrizulta ampjament mir-rapport tal-espert tekniku Maurice Agius.

Fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298 irid ikun hemm mhux biss l-element materjali tar-reat izda anki l-element

formali, u cioe’ l-intenzjoni tal-imputat li jinganna. Il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova kemm l-element materjali, stante li rrizulta pruvat li l-prodotti spaccjati miz-zewg imputati kienu counterfeit, kif ukoll l-element formali. Il-Qorti jidrilha li kemm l-imputat Mark Mallia kif ukoll l-imputat Godwin Schembri kienu ben konxji li l-prodotti minnhom spaccjati kienu counterfeit u fil-fatt l-imputat Mallia jghid li huwa staqsa lil Schembri dwar il-provenjenza tal-arloggi izda huwa la produca ricevuti ta meta xtara l-prodotti u l-anqas packaging jew garanziji li setghu jindikaw li l-prodott kien originali. Il-fatt li l-prodott kien qed jinbiegh lilu ghal prezz ferm inferjuri ghal dak li jinbiegh is-soltu u minghar packaging adegwat kienet indikazzjoni cara li l-istess prodott ma kienx originali u li ghalhekk l-intenzjoni taz-zewg imputati fil-mument li huma bieghu l-arloggi in kwistjoni kienet li jingannaw lil konsumatur billi jispaccjaw dan il-prodott bhala wiehed orginali Seiko. Ghal din ir-raguni l-Qorti ser issibhom hatja ai termini tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-ammont ta’ oggetti misjuba ma kienx kbir u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 298 (1) (a), (b), (c) u (f) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom u tikkundannhom tnax (12)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom minnha.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti mmarkati bhala Dok. IA3 u esebiti fl-udjenza tas-26 ta’ Frar 2009 mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Abdilla.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien xahar minn meta

jigu hekk mitluba bil-miktub ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed mis-somma ta’ mitejn u sitta u tletin ewro (€236) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------